ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-eLearning
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2013**

StudentBounty.com

Rott

## IR-RABA' SENA    L-ISTUDJI SOĊJALI (Ġenerali)    Il-Ħin: Siegħa u nofs

**Din il-karta tal-eżami fiha ERBA' Taqsimiet (A, B, C u D). L-istudenti jridu jwieġbu t-Taqsimiet KOLLHA. Il-marki għal kull Taqsima jidhru bejn il-parentesi.**

### Taqsima A: Wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA li ġejjin.

1. X'tifhem bil-frażi **l-ebda bniedem mhu gżira**? (5)
2. Fil-ħajja tal-lum sirna aktar interdipendenti. Spjega l-kelma **interdipendenti** u għid għaliex sirna hekk aktar minn qatt qabel. (5)
3. Spjega kif il-kunsilli lokali qed iġibu ambjent aktar demokratiku fil-pajjiż. (5)
4. Uri d-differenza bejn **stat totalitarju** u **stat demokratiku**. (4)
5. X'inhu ***peer group***? X'importanza għandu dan għaż-żgħażagħ? (6)

**(25 marka)**

### Taqsima B: Aqra sew din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA li ġejjin.

Skont ċertu nies, familja magħmula minn raġel, mara u wliedhom hija waħda ideali. Iżda dan mhuwiex l-uniku mod kif wieħed jiddefinixxi familja, għaliex persuni differenti f'diversi pajjiżi jistgħu jiddefinuha mod ieħor. Hemm diversi kriterji li permezz tagħhom jiġu identifikati tipi differenti ta' strutturi ta' familja. Uħud minn dawn jinkludu: l-ekonomija partikolari tal-pajjiż, l-influwenza ta' ċerti kulturi u stili ta' ħajja differenti fuq in-nies ta' ċerti pajjiżi, kif ukoll ir-reliġjon.

**Mistoqsijiet**

1. Spjega x'inhi **familja estiża.** Semmi **TLIET** karatteristiċi ta' dan it-tip ta' familja. (5)
2. Spjega x'inhi **familja nukleari.** Semmi **TLIET** karatteristiċi ta' dan it-tip ta' familja. (5)
3. Il-familja kontemporanja saret **simetrika**. Spjega x'nifhmu b'dan it-terminu. (4)
4. Liema tip ta' familja normalment insibu fil-pajjiżi żviluppati u f'dawk li qed jiżviluppaw? Għaliex taħseb li hemm din id-differenza fit-tip ta' struttura tal-familja? (5)
5. Semmi **ĦAMES** problemi li l-familja qed tiltaqa' magħhom illum. (5)
6. Liema huma r-rwoli li taqdi l-familja? Semmi **TNEJN** minnhom u spjegahom. (6)
7. Semmi **ŻEWĠ** funzjonijiet li fl-imgħoddi kienu jitwettqu mill-familja u llum ittieħdu minn istituzzjonijiet oħra. Spjega għaliex ġara dan. (5)

**(35 marka)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taqsima C: Ikteb paragrafu ta' madwar 150 kelma dwar WIEĦED minn dawn li**

1. Spjega għaliex il-kultura hija proċess magħmul mill-bniedem.

2. Soċjetà demokratika tagħti opportunità għall-mobbiltà soċjali. Spjega kif iseħħ dan.

3. Ċerti gruppi ma jkunux konformi man-normi tas-soċjetà. In-nuqqas ta' konformità huwa ta' ħsara jew ta' ġid għas-soċjetà?

**(15-il marka)**

**Taqsima D: Agħżel WAĦDA mit-temi li ġejjin u ikteb madwar 250 kelma dwarha.**

1. Spjega fid-dettall il-proċess li persuna tgħaddi minnu matul l-edukazzjoni tiegħu/tagħha.

2. a) X'inhuma r-rwol u l-funzjonijiet tar-reliġjon fis-soċjetà?
   b) Spjega kif ir-rwol u l-funzjonijiet tar-reliġjon jinbidlu maż-żmien.

3. Ikteb dwar ir-rwol tat-**TLIET** istituzzjonijiet ewlenin tal-Istat li huma responsabbli mill-ħarsien tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

4. Is-sistema ekonomika ta' pajjiż hija magħmula minn erba' setturi tax-xogħol.
   a) Spjega fid-dettall kull wieħed minn dawn is-setturi.
   b) Semmi liema tip ta' xogħlijiet jaqgħu taħt kull wieħed minn dawn is-setturi.

**(25 marka)**

**Total: 100 marka**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers